MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 1177/1990/1

**Joseph Attard**

**vs**

**Vincent Debono**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi huwa kellu fil-pussess tieghu bicca raba fl-inhawi ta' Qasam Barrani fil-limiti tal-Mellieha liema art huwa kien qieghed jahdimha a skop tal-biedja;

Illi l-konvenut recentement kontra r-rieda tal-istess attur qabad u dahal fl-istess art u b'hekk ikkommetta spoll vjolenti u klandestin ghad-danni l-istess attur;

Illi bhala konsegwenza ta' dan l-ispoll kommess mill-fuq imsemmi konvenut l-attur qed isofri dannu konsistenti fit-telf ta' uzu tal-istess raba fuq imsemmi;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn dina l-Qorti;

1. jispurga l-ispoll minnu kommess ghad-dannu tal-attur billi jirrintegra l-istess attur fil-pussess tar-raba imsemmi fl-inhawi ta' Qasam Barrani fil-limiti tal-Mellieha, liema raba kien jinsab fil-pussess tal-istess attur;

2. tikkundanna ghalhekk l-istess konvenut jizgombra mir-raba fuq imsemmi fi zmien qasir u perentorju li jigu lilu prefiss minn dina l-Qorti;

3. jigi kkundannat l-istess konvenut ihallas l-ispejjez ta' dina l-kawza;

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, stante li mhux minnu li dan kellu l-pussess kif minnu allegat fl-atti tac-citazzjoni, u b'hekk l-eccipjenti ma ikkommetta ebda spoll a dannu tieghu. Dan kollu jigi pruvat ahjar u ampiament waqt it-trattazjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut.debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tat-12 ta’ Marzu 1991 li bih gie nominat bhala perit legali l-

Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tas-6 ta’ April 1992 li bih gie revokat l-imsemmi inkariku mghoti lill-perit legali;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Jannar 1993 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li s-sqaqien ma gewx imcaqalqa almenu ghal dawn l-ahhar hames (5) snin;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jghid li kellu fil-pussess tieghu bicca raba fl-inhawi ta' Qasam Barrani fil-limiti tal-Mellieha li huwa kien qieghed jahdem ghal skopijiet tal-biedja. L-attur jippremetti ukoll li recentement kontra r-rieda tieghu il-konvenut dahal fl-istess art u b'hekk ikkommetta spoll vjolenti u klandestin ghad-danni l-istess attur. Ghalhekk l-attur permezzz ta’ dawn il-proceduri qed jitlob li huwa jigi reintegrat fil-pussess tal-ghalqa u li l-konvenut jigi ordnat jizgombra mill-istess ghalqa;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li l-attur qatt ma kellu l-pussess tal-ghalqa in kwestjoni u b'hekk huwa ma kkommetta ebda spoll a dannu tal-istess attur. Fid-dikjarazzjoni l-konvenut jispecifika li l-pussess tal-ghalqa in kwestjoni kien dejjem f’idejh;

Mit-termini tac-citazzjoni hu ovvju li din hi azzjoni ta spoll. Gie diversi drabi ritenut illi t-termini tac-citazzjoni jistabilixxu n-natura tal-azzjoni. F'dan ir-rigward gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza "Michael Mamo -vs- Philip Grima" deciza fis-7 ta Frar 1958 illi "n-natura tal-azzjoni ghandha tigi principalment dezunta mit-termini li fihom tkun koncepita c-citazzjoni..." Fic-citazzjoni l-attur

ppremetta li huwa kellu fil-pussess tieghu l-ghalqa in kwestjoni u li “l-konvenut recentement kontra r-rieda tal-istess attur qabad u dahal fl-istess art u b'hekk ikkommetta spoll vjolenti u klandestin ghad-danni l-istess attur”. Ghalhekk, ma hemmx dubju, li l-attur qed jghamel azzjoni ta spoll privileggjat. Din l-azzjoni hi mghamula a basi tal-provedimenti tal-artikolu 535 tal-Kodici Civili (Kap.16). Sabiex tirnexxi din l-azzjoni l-attur ghandu jipprova biss li huwa l-possessur tal-ghalqa in kwestjoni u li gie molestat, f’dan il-pussess, mill-konvenut. B'referenza ghall-artikolu 524 tal-istess Kodici Civili hu bizzejjed li l-attur jipprova l-anqas grad ta pussess, u cioe li almenu huwa kien qed jiddetjeni l-ghalqa anke ghan-nom ta haddiehor;

Skond l-artikolu 535 l-azzjoni ta spoll privileggjat trid issir fi zmien xaharejn minn meta jkun sar l-ispoll. Ghandu jinghad pero li l-konvenut f'dan ir-rigward ma ghamel ebda kontestazzjoni;

L-attur ikkonferma li l-ghalqa in kwestjoni kienet ilha f’idejh minn xi hames snin u nofs qabel ma saret il-kawza. Huwa jammetti pero’ li ma jhallax qbiela jew kera ghar-rigward tal-ghalqa pero’ huwa beda jahdem l-istess ghalqa bil-permess tas-sidien u cioe’ l-Gvern ta’ Malta permezz tad-Dipartiment tal-Artijiet.  Huwa jghid li dan il-permess taghulu certu John Micallef tal-Lands Department. Huwa jghid li ma sarx xejn bil-miktub izda l-Gvern kien hadlu bicca raba biex ghaddiet triq u b’hekk inghata mill-istess Gvern il-bicca raba in kwestjoni biex jahdimha.

L-attur spjega li recentement il-konvenut dahal fuqu u keccieh mill-istess ghalqa u l-istess konvenut beda jahdem il-bicca raba in kwestjoni. B’kollox il-konvenut keccieh minn xi tlett itmiem, tomna u nofs li kienet tinhadem u tomna u nofs li ma kinitx u li kienet ghall-izvilupp bhala raba. Sussegwentement l-attur jghid li in parti l-ghalqa in kwestjoni kienet gia ghand missieru li kien hadha minnghand certu Pawlu Gauci.  Anki din il-parti pero’ hi proprjeta tal-Gvern ta’ Malta.

Il-kwestjoni tat-titolu hi irrilevanti fi proceduri bhal dawn. Il-bicca raba in kwestjoni hi proprjeta’ tal-Gvern u jirrizulta li la l-attur u lanqas il-konvenut ma ghandhom titolu ghar-rigward ta’ din il-bicca raba. Din hi azzjoni possessorja u ghalhekk li ghandu jipprova l-attur hu li kellu l-pussess tal-bicca raba in kwestjoni. Kif gia nghad l-inqas grad ta’ pussess hu bizzejjed ghal finijiet ta’ dawn il-proceduri. L-attur zgur li m’ghandux ghalfejn jipprova li hu jvanta xi titolu ghar-rigward tal-istess bicca raba;

L-attur ma rnexxilux jipprova li huwa kellu l-pussess tal-bicca raba in kwestjoni. In effett l-attur jghid li kien certu John Micallef, ufficjal tad-Dipartiment tal-Artijiet, li kien tah il-permess verbali biex jibda jahdem ir-raba in kwestjoni. L-imsemmi John Micallef gie prodott bhala xhud. Huwa kkonferma li f'Marzu tal-1987 l-attur indika l-bicca raba in kwestjoni bhala li ried li tinghatalu minflok bicca raba ohra li l-Gvern kien ha mill-pussess tal-attur biex saret il-by-pass tal-Mellieha. Ghalkemm ma kienx hemm oggezzjoni mid-dipartimenti koncernati, din il-bicca raba qatt ma nghatat lill-attur. L-istess xhud ikkonferma ukoll li huwa fl-ebda hin ma ta’ xi permess biex l-attur jahdem din il-bicca raba;

Kif gia nghad il-konvenut ma jistax jvanta li ghandu xi drittijiet ghar-rigward tal-istess raba. In effett, pero’, il-konvenut jghid li dan ir-raba gie f’idejh hafna zmien ilu minghand missier il-mara tieghu. Jghid ukoll li din kienet ilha zmien twil f’idejn l-familja ta’ martu. Gew prodotti diversi xhieda li jew ghandhom raba fil-vicinanzi jew li huma midhla tal-istess inhawi u dawn kollha kkonfermaw li qatt ma raw l-attur jahdem din il-bicca raba. Dawn ix-xhieda anzi qalu li r-raba dejjem hadmu l-konvenut li kien dahhal u gab materjal bhal terrapin u hamrija sabiex dawn jintefghu fir-raba sabiex din tkun tista tinhadem ghal skopijiet ta’ agrikoltura;

F’dawn ic-cirkostanzi kollha u in vista tar-rizultanzi, l-attur ma ipprovax li huwa kellu l-pussess tar-raba jew li huwa gie molestat f’dan il-pussess minn naha tal-konvenut. Konsegwentement l-eccezzjonijiet tal-konvenut jimmeritaw li jigu akkolti, filwaqt li t-talbiet kollha attici ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------